

## L-iżgurar ta' katina tal-provvista tal-ikel ġusta għall-parteċipanti żgħar



©AP images/European Union-EP

**Bdiewa u negozji żgħar huma l-aktar parteċipanti vulnerabbli fil-katina tal-provvista tal-ikel. Biex jiproteġihom aħjar, il-PE approva regoli biex irażżan prattiki kummerċjali iġusti.**

Prattiki kummerċjali iġusti jseħħu fis-setturi kollha, iżda huma partikolarment problematiċi fil-katina tal-provvista tal-ikel, billi l-produtturi agrikoli jistgħu jitqiegħdu taħt pressjoni ekonomika żejda.

Nhar it-Tlieta (12/3), il-MPE ivvutaw dwardirettiva [ġdida tal-UE li għandha l-għan li tiżgura trattament aktar ġust għall-bdiewa](#) u għan-negozji tal-ikel żgħar u ta' daqs medju li huma

vulnerabbli għat-trattament inġust mis-sħab kummerċjali kbar tagħhom, bħas-supermarkets jew il-bejjiegħa bl-imnut. Fornituri iżgħar ta' spiss ikollhom nuqqas ta' setgħa ta' negozjar f'negozjati ma' xerrejja kbar, u jaf ma ikollhomx xerrejja alternattivi.

## X'inhuma l-prattiki kummerċjali inġusti?

- Il-prattiki kummerċjali inġusti huma prattiki minn negozju għal negozju li jiddevjaw bil-kbir mill-imġiba kummerċjali korretta u huma l-kontra ta' bona fide u tranżazzjoni ġusta. Dawn huma tipikament imposti b'mod unilaterali, minn parti aktar b'saħħitha fuq waħda aktar dgħajfa.
- Jistgħu jseħħu fl-istadji kollha tar-relazzjoni kuntrattwali: matul in-negozjati, matul l-implimentazzjoni tal-kuntratt jew fil-fażi postkuntrattwali.

## L-impatt tal-prattiki kummerċjali inġusti

Prattiki kummerċjali inġusti jistgħu, fost affarijiet oħra

- jheddu s-sopravivenza ta' produtturi żgħar tal-ikel
- jiskoraġġixxu lin-negozji żgħar milli jinvestu fi prodotti u teknoloġiji ġodda jew milli jidħlu fi swieq ġodda
- jiġġeneraw spejjeż mhux mistennija jew dħul anqas minn dak mistenni għas-sieħeb kummerċjali l-aktar dgħajef
- jwasslu għall-produzzjoni żejda u jikkawżaw ħela ta' ikel bla bżonn



### Video

[https://www.multimedia.europarl.europa.eu/en/protecting-food-producers-against-unfair-trading-practices\\_N01-PUB-190306-FOOD\\_ev](https://www.multimedia.europarl.europa.eu/en/protecting-food-producers-against-unfair-trading-practices_N01-PUB-190306-FOOD_ev)

## X'se jinbidel?

Ir-regoli l-ġodda jstabilixxu standards minimi ta' protezzjoni li jipprojbixxu prattiki inġusti speċifiċi. Dawn japplikaw għall-atturi kollha fil-katina tal-provvista tal-ikel b'fatturat ta' inqas minn €350 miljun u jkopru l-produtturi, il-kooperattivi, il-proċessuri tal-ikel u l-bejjiegħa bl-imnut. Ir-regoli japplikaw ukoll għall-fornituri mhux tal-UE.

Ir-regoli se jipprojbixxu:

- ħlasijiet tard għal ikel li jeħżien malajr

- kanċellazzjonijiet tal-aħħar minuta
- bidliet unilaterali jew retroattivi fil-kuntratti
- sfurzar fuq il-fornitur biex iħallas għal prodotti moħlija
- każda ta' kuntratti bil-miktub

Prattiki oħra, bħar-ritorn ta' prodotti mhux mibjugħa lill-fornituri, se jkunu permessi biss jekk ikun hemm ftehim ċar minn qabel bejn iż-żewġ partijiet.

---

88%

Ta' dawk li wiegħbu jqisu li t-tishiĥ tar-rwol tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel huwa importanti (Ewrobarometru 2018)

---

L-Istati Membri jeħtiġilhom jaħtru awtorità pubblika biex tinforza r-regoli l-ġodda, li tkun kompetenti biex twettaq investigazzjonijiet u timponi multi f'każ ta' ksur tar-regoli.

#### **Il-parteciċipanti tal-UE fil-katina tal-ikel**

- 11-il miljun razzett
- 300,000 proċessur
- 2.8 miljun distributur u bejjiegħ bl-imnut
- 500 miljun konsumatur

#### **Il-passi li jmiss**

Ir-regoli l-ġodda jridu jiġu approvati formalment mill-Kunsill qabel jidħlu fis-seħħ. L-Istati Membri għandhom sentejn biex jimplementawhom fil-liġi nazzjonali.

#### **Għal aktar informazzjoni**

[Stqarrija għall-istampa tal-KE - Niġġieldu l-prattiki kummerċjali inġusti fil-katina tal-provvista tal-ikel](#)

[Il-paġna web tal-Kummissjoni Ewropea dwar prattiki kummerċjali inġusti fil-katina tal-ikel](#)  
[Briefing tal-EPRS \(2015\): Prattiki kummerċjali inġusti fir-relazzjonijiet minn negozju għal negozju fil-katina tal-provvista tal-ikel](#)

[Fatti u ċifri dwar il-katina tal-provvista tal-ikel](#)